# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru 66**

**Rikors Nru. 32/01GV**

**Doc. Nru. 63-01**

**Wara l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1/01 fl-ismijiet:**

**Anthony Pace Gouder**

**vs**

**Perit Edward Bencini u l-Perit Ray Demicoli**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors

Rat ir-risposta;

Semghet lill Avukati difensuri;

**TALBA**

Ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka l-mandat esekutiv ta' sekwestru numru 1/01 fl-istess ismijiet u dana stante li l-ammont hu kollu kawtelat.

**RISPOSTA**

L-intimati rrispondew li l-ammont mhux kawtelat.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li l-intimat kien ipprezenta mandat ta' sekwestru esekuttiv wara sentenza tat-Tribunal Industrijali datata 24 ta' Ottubru, 2000. Huma kienu kkontestaw din id-decizjoni billi pprezentaw citazzjoni u cedola fejn l-ammont pretiz gie kawtelat Dok A. Ghalhekk qed jissottomettu li ma hemmx aktar lok li l-mandat jibqa' *in vigore* u ghandu jigi revokat.

L-intimat qed jissottometti li d-depozitu bic-cedola hu proceduralment inkorret. Hu ghandu titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti li ghadu vigenti u fil-fatt ghamel talba biex jizbanka l-flus. Inoltre l-ammont depozitat ma jkopriex l-ammont kollu dovut li jinkludi 'ssa l-imghax ukoll.

**Tikkunsidra**

Illi jidher li r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat in kwistjoni a termini ta' l-artikolu 283A tal-Kap 12. Dan l-artikolu jipprovdi li minghajr pregudizzju ghall kull jedd iehor taht il-Kap 12 jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih **att ezekuttiv** jista' jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, **ghal raguni valida skond il-ligi.**

Illi skond ir-rikorrenti hemm raguni valida billi l-ammont hu kawtelat u jista' jigi liberament zbankat skond dak li tiddeciedi l-Qorti.

Illi fil-fatt l-ammont qieghed depozitat il-Qorti biex jigi zbankat mill-intimat. Huwa veru li r-rikorrenti setghu imxew diversament forsi aktar proceduralment korrett, izda l-fatt jibqa' li l-pretenzjoni tal-intimat hija kawtelata. Veru li hemm il-kwistjoni ta' l-ispejjez u imghax, imma l-intimat

dejjem jibqalu d-dritt li jitlobhom. Jigi rilevat li fil-process ma giex ezibit il-mandat u ghalhekk il-Qorti ma tistax tivverifika x'ammont tnaqqas bhala spejjez biex tipprovdi fuq hekk.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna r-revoka tal-mandat imsemmi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**